MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 103/2004

Kawza fil-lista: 27

**A B**
**Vs**
**L-Avukat Dottor Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Veroncia Rossignaud nominati kuraturi deputati b' digriet tat-28 ta' Gunju 2005 biex jirrapprezentaw lill-assenti C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Billi fis-6 ta' Mejju 2000 l-attrici u l-konvenut C B izzewgu civilment. Minn dan iz-zwieg ma tweldux ulied.

Billi z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabilment minhabba sevizzji, theddid, ingurji gravi, adulterju u inkompatibilita' ta' karattru.

Billi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi biex tibda kawza ghas-separazzjoni personali b'digriet tad-9 ta' Marzu 2004.

Billi fil-pendenza ta' dawn il-proceduri l-konvenut telaq minn Malta u abbandunaha minghajr manteniment.

Jghid il-konvenut ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti bi htija unikament tal-konvenut minhabba sevizzji, theddid, ingurji gravi u adulterju;

2. Tawtorizza lill-attrici tghix hajja separata mill-konvenut C B;

3. Tordna c-cessazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti;

4. Tordna l-likwidazzjoni u divizjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti billi taqsamha f'zewg porzjonijiet inugwali billi tapplika kontra l-konvenut id-disposizzjonijiet tal-Kodici Civili applikabbli fil-kaz ta' adulterju u abbandun da parti tal-konvenut;

5. Tiddikjara li l-konvenut iddekada darba ghal dejjem mid-dritt ghall-alimenti;

6. Tordna li ghandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Kodici Civili rigward drittijiet successorji fil-kaz ta' separazzjoni.

7. Tawtorizzaha tirreverti ghal kunjomha ta' xbubitha.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat n-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati li biha eccepew li f’dak l-istadju ma kienux edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk irrizervaw id-dritt li jiressqu l-eccezzjonijiet taghhom aktar il-quddiem;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-affidavit ta’ l-attrici;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob li din il-Qorti tiddikjara s-separazzjoni personali bejnha u bejn zewgha l-C B, illum assenti; u dan ghar-ragunijiet imputabbli lil dan ta’ l-ahhar, u in bazi ghal dak kontemplat fl-Artikolu 38, 40 u 41 tal-Kap.16; kif ukoll sabiex tirregola l-effetti konsegwenzjali s-separazzjoni personali, fit-termini tat-talbiet numri [2] sa [7].

Illi mill-provi rrizulta li l-fis-6 ta’ Mejju 2000 l-attrici kienet izzewwget lil C B, persuna ta’ nazzjonalita’ Gharbija, wara li kienet ilha tafu ftit xhur. Jidher li wara tlett xhur mill-imemmija data beda jinqala’ l-inkwiet matrimonjali dovut ghall-komportament abbusiv da parti ta’ l-assenti fil-konfront ta’ l-attrici. Jirrizulta wkoll li, filwaqt li l-attrici matul il-hajja matrimonjali kienet tahdem u tmantni lilha nnifisha u lil zewgha, inkluz lill-ommu, l-assenti ma kienx jahdem. Kien eventwalment ta ghax-xorb, kien jidhol regolarment fis-sakra fis-sieghat bikrin ta filghodu, jaghmel xenati, jhedded lill-attrici u, skond kif allegat l-istess attrici, gieghli wkoll refa’ idejh fuqha. F’ Novembru tas-sena 2003 huwa telaq mid-dar konjugali.

Mill-kwadru tal-fatti li ddelinea ruhu mill-provi ta’ l-attrici, u li ma gewx kontraddett, il-Qorti tirravvisa sevizzi, minacci u ngurji gravi kommessi mill-assenti fil-konfront ta’ l-attrici, kif ukoll l-abbandun fit-termini ta’ l-Artikolu 41, b’ mod li z-zwieg bejniethom tkisser irrimedjabbilment, u li ghalhekk jaghtu lok ghal firda personali bejniethom ghar-ragunijiet

imputabbli esklussivament lill-istess konvenut. L-imputazzjoni ta' l-adulterju ma tirrizultax provata.

Rigward il-komunjoni ta' l-akkwisti, jigi osservat li fin-nota guramentata taghha l-attrici tiddikjara li "ma hemm assolutament xejn appartenenti ghall-kumunjoni ta' l-akkwisti .." [fol.32].

Rigward il-pretensjoni attrici kontenuta fin-nota taghha ghal manteniment mill-assenti, il-Qorti tosserva li ma hemmx talba specifika f' dan ir-rigward fl-att tac-citazzjoni; apparti minnhekk mill-provi jirrizulta li, filwaqt li l-attrici kienet u ghadha tahdem, l-assenti, skond hi qatt ma hadem u kien jghix mill-flus li kienet taghtih hi.

Dan premess u kkunsidrat it-talbiet attrici huma gustifikati u ghandhom jigu milqugha kif ser jinghad:

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici billi:

[1] Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti bi htija unikament tal-konvenut minhabba sevizzji, theddid u ingurji gravi;

[2] Tawtorizza lill-attrici tghix hajja separata mill-assenti C B fis-sens li tezentaha mill-obbligu tal-koabitazzjoni ma' l-istess;

[3] Tordna x-xoljment tal-komunjoni ta' l-akkwisti b' effett mit-30 ta' Novembru 2003; izda tasjteni milli tillikwida l-istess, stante li mill-prov rrizulta li ma hemmx assi tal-komunjoni;

[4] Tapplika fil-konfront ta' l-assenti d-dispost fl-intier tieghu ta' l-Artikoli 48 u ta' l-Artikolu 51; u cioe' d-dekadenza tieghu mid-drittijiet civili hemm kontemplati, inkluz dak li jitlob manteniment mill-attrici;

[5] Tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjomha ta' xbubitha;

L-ispejjez kollha jikunu a kariku tal-konvenut;  izda dawk relattivi ghall-kuraturi deputati ghandhom provvizorjament jithallsu mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------